# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIŻJONI NRU. 102

KAŻ NRU. 137

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Miss Mary Debono
u
l-Management tal-Hotel Metropole
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 1 t'Ottubru 1981

Chairman : Valhmor Borg

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal fit-2 ta' Gunju 1981 mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

Miss Mary Debono kienet kitbet lill-Ministru li hija kienet giet imkeccija ingustament mill-impieg taghha mal-Hotel Metropole.

2. Il-Partijiet

Miss Debono kienet assistita mis-Sur Frans Coleiro, Segretarju, Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union.

Ghall-Hotel Metropole deher is-Sur Alex Borg, General Manager, assistit mis-Sur F.S. Amato Gauci.

/2. .....

3. Seduti u xhieda

Il- kaz instema' fi tlett seduti.

Ix-xhieda kienu :

Miss Mary Debono
Miss Evelyn Borg
Miss Mary Micallef
Miss Mary Genovese
Mr Joseph Debono
Mrs Lucinda Mangion
Mr Alex Borg
Mr Henry Micallef

4. Sottomissjonijiet tal-kaz

Is-Sur F. Coleiro, f'isem Mary Debono issottometta li :

a) it-tkeccija ta' Mary Debono, fil-11 t'April 1981, mill-impieg tal-Lukanda Metropole ma kienetx ghall-kawza gusta, u ghalhekk ghandha titqies li baqghet fl-impieg minghajr telf ta' paga.

b) Ir-raguni ta' tkeccija taghha, skond il-Management kienet li kien hemm argument bejn l-impjegati u li skond il-Management kien hemm distorbju fil-lukanda.

c) Il-kazi ta' din il-kwalita' jinqalghu fil-postijiet tax-xoghol kollha li mpjegati jkollhom argument bejniethom u Alla hares kellu kull Management ikecci mpjegati fuq din ir-raguni ghax ikun hawn mijiet ta' kazi li jkollhom jinstemghu quddiem dan it-Tribunal.

d) Argumenti privati bejn l-impiegati, li m'ghandhomx x'jaqsmu max-xoghol m'ghandhomx jitqiesu bhala ksur ta' regolamenti tax-xoghol u l-Management jasal biex ikecci mpjegata fuq dawn l-affarijiet.

e) L-argument li nqala' bejniethom kien fuq kaz li jista' jigi diskuss fl-istess seduta tat-Tribunal Industrijali.

f) Ghalhekk bir-rispett nitolbu lit-Tribunal li jbiddel id-decizjoni ta' tkeccija u li Mary Debono ghandha titqies li baqghet fl-impieg minghajr telf ta' paga.

Is-Sur Alex Borg, f'isem il-Hotel Metropole issottometta li:

a) Mary Debono bdiet tahdem bhala "chambermaid" mal-Hotel Metropole fil-21 t'Awissu 1978.

b) L-imgieba ta' Mary Debono fuq ix-xoghol taghha ma kienetx tajba u barra diversi twissijiet verbali mis-superjuri taghha, fil-4 ta' Mejju 1980 inhargilha "warning" bil-miktub minhabba dizubbidjenza.

c) Fil-5 ta' Novembru 1980 kellha warning iehor bil-miktub dwar imgieba oxxena, insultar ta' mpjegati tal-Lukanda u disubbidjenza.

d) Fid-9 t'April 1981 kienet involuta f'incident iehor fejn kellha xi tghid ma' shabha u nsultathom u dizobbediet is-superjuri. Ghal dan tkecciet.

e) Din kienet l-ewwel darba li l-Hotel Metropole kecciet impjegat jew impjegata minhabba ragunijiet dixxiplinarji f'dawn l-ahhar 15-il sena.

5. Xhieda

Miss Mary Debono xehdet li:-

a) Kien hemm okkazjoni qabel id-9 t'April 1981, meta, wara li giet mill-leave, fis-sular tal-lukanda li kienet risponsabbli li tnaddaf hi bhala chambermaid, sabet karkur imqatta' u barmil jintenn, li hi ma kienetx halliethom hekk.

b) Filghodu fid-9 t'April kien hemm argument bejn Mary Debono u zewg chambermaids ohra. Dan beda fil-kitchenette li qeghda fl-ewwel sular fejn hemm ukoll kmamar tar-residenti.

c) Dawn l-ahhar tnejn hargu ghaliha biex jaghtuha u jghajjtu kemm jifilhu u li huma gew ghaliha u mhux hi marret ghalihom.

d) Tela' Joseph Debono, ix-shop steward, u li bghatha l-fuq fit-tielet sular fejn tahdem hi, u li Evelyn Borg, is-supervisor tac-chambermaids ghajtet "Ikecci lil Mary ghax jekk ma jkeccihiex jiena nitlaq." Evelyn Borg nizlet biex tirraporta lil Manager.

e) Il-Manager baghat ghat-tlieta nvoluti fl-argument u hi spjegatlu kif qamet it-tilwima.

f) Fuq mistoqsija mis-Sur Coleiro biex tispjega kif habtu ghaliha, ir-risposti kienu evasivi u ghall-mistoqsija cara jekk ic-chambermaids l-ohra uzawx vjolenza fuqha irrispondiet "Le" izda li hargu mill-kcina u ppruvaw imorru ghaliha u bdew jghajjruha u li wahda minnhom nizlet ghax-shop steward. Ghall-mistoqsija ripetuta hafna drabi mis-Sur Amato Gauci biex tghid x'ghamlet hi meta hargu ghaliha, ir-risposta kienet dejjem evasiva bhal "X'ghamilt jien? Xi triduni naghmel jiena?" u ma rrisponditu qatt. F'dan il-waqt, it-Tribunal osserva li l-appellant sa hemm sa tasal li tirrispondi ghal din id-domanda u jekk irid is-Sur Amato Gauci li jipprova x'passi hadet Mary Debono waqt l-incident, ikollu l-mezzi bix-xhieda l-ohra.

g) Hi tiftakar sew li mhabba l-ghajjat tal-glieda, ir-residenti hargu mill-kmamar taghhom u bdew isikktuhom.

Miss Evelyn Borg, supervisor fil-Hotel Metropole xehdet li:-

a) Kienet ilha tahdem mal-Hotel Metropole tliet snin.

b) Dik in-nhar ta' l-incident ghall-habta ta' 7.30 a.m. kienet fit-tieni sular u semghet ghajjat u glied u nizlet fl-ewwel sular fejn semghet lil Mary Debono, Mary Micallef u Mary Genovese qeghdin jilletikaw. Ix-Shop Steward Joseph Debono kien qieghed isikkithom. Semghet lil Mary Genovese issaqsi lil Joe Debono "Qed tismaghha x'inhi tghajjarna?" u dan jghid "Iva." Wara, Mary Debono telghet fit-tieni sular ghac-cwievet u telghu t-tnejn l-ohra ukoll u regghu bdew jilletikaw. Regghu nizlu isfel fejn Joe Debono qallhom li meta jigi l-Manager jitkellmu hemm.

c) Il-guests hargu mill-kmamar taghhom u bdew jghidulha x'disgrace, xi storbju, qajjimtuna!" u dan kien fl-ewwel u t-tieni sular.

d) Ta' sikwit Mary Debono kienet tilletika maghha meta tkellimha fuq xoghol.

e) F'okkazzjoni meta Mary Debono kienet bis-sick leave, hi u chambermaids ohra rawha barra fis-7.00 p.m. u peress li meta jkun hemm chambermaid nieqsa l-ohrajn ikun iridu jaghmlulha xogholha, dawn ma jiehdux gost.

f) Mary Debono ta' spiss kienet tgorr fuq l-istaff tal-Lukanda u tghid "Ghad icarcar id-demm u xi hadd fuq l-irhama!"

g) Dik in-nhar ta' l-incident, imhabba l-inkwiet li nqala', hija qalet lil Manager tal-Lukanda, li jekk tibqa' tahdem hemm Mary Debono, hi ma tkunx trid tibqa' bhala supervisor.

/6. .....

h) Meta jkun hemm xi kwistjoni bejn li staff, fejn ma tkunx involuta Mary Debono, dan jghaddi dak il-hin, izda dak in-nhar tad-9 t'April kien hemm vera storbju.

Miss Mary Micallef, Chambermaid xehdet li:-

a) Ilha mpjegata fil-lukanda sena u xahrejn.

b) Fid-9 t'April, filghodu, fil-kcina fl-ewwel sular kelmet lil Mary Debono fuq suggett li fuqu wara nqalet il-glieda kollha. Mary Debono staqsietha jekk hux se taqbad maghha, u li se tmur ghax-shop steward, u Mary Micallef irrispondit li se tmur hi, u nizlet ghax-shop steward.

c) Meta' tela' x-shop steward, qaltlu li Mary Debono kienet qeghda tinfamha mac-chambermaids kollha, li kienet qeghda tbihhilhom flokkijiet bi prezz gholi, u hawnhekk giet infamata bi kliem l-izjed baxx u defamatorju.

d) Wara l-intervent tax-shop steward, telghet fit-tieni sular ghac-cwievet u telghet ukoll Mary Debono u bdiet terga' tinfamha.

e) Meta giet imsejjha quddiem il-Manager fil-presenza tax-shop steward u dan spjegalha li mhabba l-agir taghhom waqt il-glieda kienu hargu r-residenti, l-management taha l-ewwel "warning" bil-miktub,

f) Ghall-bidu qatt ma kellha xi tghid ma' Mary Debono izda ghal xi hmistax il-gurnata din qabdet maghha u cempitilha u qaltilha li kellmitilha lill-gharus taghha.

g) Waqt li kienet ghaddejja minn kurridur tal-lukanda Mary Debono qalet "Nitfaghhom fuq l-irhama u jsir carcir ta' demm!"

h) Mary Debono kienet titla' fis-sular fejn tahdem Mary Micallef u tghid kontra kulhadd fil-lukanda mill-ingas u l-iktar, kontra l-Union, u kontra l-familja taghha stess, ghalkemm din kienet tghidilha "Mur."

Miss Mary Genovese chambermaid xehdet li:-

a) Kienet ilha tahdem fil-lukanda tliet snin, u li qatt qabel l-incident ta' Mary Debono ma kellha xi "warning".

b) F'okkazzjoni meta Mary Debono kienet bis-sick leave, din rathabarra u qeress li meta xi hadd ikun "sick" ic-chambermaids l-ohra ikollhom jaghmlu x-xoghol ta' dik nieqsa, din affrontat lil Mary Debono li wara mossa vulgari b'idejha qaltilha "jekk tridu ghamlu bhali."

c) Fid-9 t'April, filghodu hi kienet prezenti fil-kcina meta bdiet il-kwistjoni bejn Mary Debono u Mary Micallef u meta qalet lil Mary Debono biex tieqaf b'dak it-tghajjir, din ta' l-ahhar infamatha bl-istess kliem l-izjed baxx u defamatorju li kienet qalet lil Mary Micallef. Li dan il-kliem qalitu quddiem Joseph Debono ix-shop steward u quddiem is-supervisor, Evelyn Borg, li din ta' l-ahhar imhabba l-glied u l-istorbju qalet li jekk ma jieqfux "titlaq". Ix-shop steward baghthom kollha biex jahdmu fis-sular taghhom, ikkalma lil Mary Genovese u qalilha li se jirraporta l-kaz lil Manager.

d) Ir-residenti hargu fil-kurridur u staqsewha x'kien gara.

e) Meta giet insejha quddiem il-Manager, fil-presenza tax-Shop Steward, qalat l-ewwel "warning" bil-miktub.

f) Hi kienet irrapurtat lil Management li Mary Debono kienet ratha barra meta kienet fuq "sick leave" u din hedditha li titfaghhom fuq l-irhama, u thalli t-tixrid tad-demm jigri.

g) Fuq mistoqsija tas-Sur Coleiro, jekk meta nqala' l-argument ippruvawx ihebbu ghaliha, qalet li wara li Mary Debono ghajjritha, ippruvat tohrog ghaliha ghax ma toqghodx ghal dak id-diskors, izda zamma x-shop steward. Qalet ukoll li mhux biex terfa' idejha fuqha izda biex tghidilha li hi mhix kif kienet giet infamata.

h) Fuq mistoqsija ohra tas-Sur Coleiro fuq il-karkur li Mary Debono sabet imqatta' wara li dahlet mill-leave, Mary Genovese spjegat li c-chambermaids kollha kienu xtraw l-istess tip ta' karkur, u dawn kienu diffetuzi ghax jinfetqu minn quddiem u li biex ma jkollhomx xi jghidu ma Mary Debono hadd ma kien jidhol fil-kamra taghha jekk mhux akkumpanjati.

i) Li hi, Mary Genovese tirrapprezenta lit-tfajliet kollha tal-lukanda fil-Union.

<u>Is-Sur Joseph Debono, storekeeper xehed li</u>:

a) Ilu jahdem mal-lukanda sitt snin.

b) Hu x-shop steward tal-General Workers' Union fil-Lukanda.

c) Fid-9 t'April, fil-ghodu, nizlet Mary Micallef tirrapporta li kien hemm argument, li tela' fl-ewwel sular fejn ipprova iwaqqafhom, u bghat lil Mary Debono tahdem fis-sular taghha, waqt li beda jinvestiga l-kaz ma Mary Micallef u Mary Genovese, izda wara ftit regghet nizlet Mary Debono u ghalkemm qallha biex titla l-fuq din ma obditx u bdiet tghajjar lil Mary Genovese bl-izjed kliem baxx.

/9. .....

d) Bl-istorbju tal-glieda hargu r-residenti fil-kurridur.

e) Kien prezenti meta l-Manager investiga l-kaz fl-ufficcju tieghu dik il-gurnata u l-ghada, li Mary Genovese u Mary Micallef gew moghtija warnings, u meta l-Manager ried ikecci lil Mary Debono qallu li jaraw x'jghidu tal-Union u Labour Office. L-ghada l-kaz gie riferut lis-Sur Micallef, direttur tal-Lukanda, u wara lil-Manager investiga mal-Labour Office minn dan l-ufficcju qalulu biex ikecci lil Mary Debono immedjatament u minghajr notice. Hu ffirma, mal-Manager kemm il-warnings lil Mary Genovese u Mary Micallef, u kemm it-tkeccija ta' Mary Debono.

f) Huwa qara statement, ippreparat u miktub minnu, li gie pprezentat lit-Tribunal, fejn, fost affarijiet ohra dan jghid li Mary Debono kienet "discharged" on disciplinary action wara li kienet moghtija tliet warnings fi hdax il-xahar, wara li kienet instabet hatja ta' kliem li mhux xieraq ghall-mara, ta' agir oxxen, glied fuq il-post, insulti u theddid ta' vjolenza lill-istaff, disubbidjenza ta' ordnijiet gusti minn ghandu stess, il-kap taghha u l-manager. Dan li statement qieghed mahmuz "Dok 3".

g) Kemm il-darba, wara li raha taghmel certi mossi oxxeni b'idejha u b'dirghajha u li semaghha tghid li ghad titfa lil xi hadd fuq l-irhama u ghad jigri d-demm, u oggezzjonala biex ma tghidhomx fil-lukanda.

Fuq kontra ezami mis-Sur Coleiro ix-xhud qal

h) Li meta Mary Debono kellha l-ewwel zewg warnings, din ma pprotestatx.

i) Li meta, xi drabi ohra kien hemm xi storbju, ghajjat jew argument bejn li staff dawn qatt ma kienu daqshekk serji daqs dak tad-9 ta' April, u wara li kienu jidhru quddiem il-Manager, dawn kienu jikkwitaw.

Mrs L. Mangion housekeeper xehdet li:

a) Mary Debono, kienet dejjem tipponta taqbad argument meta xi tnaqqis minnha fix-xoghol taghha, bhal tfarfir taht gwardarobba, jigu nnotati lilha u tipprotesta li kulhadd kien jaqbad maghha.

b) Ta' spiss, bl-attitudni ta' omm, kienet tipprova biex tiggwida lil Mary Debono, biex tkun efficjenti u ma jkollix xi tgaid ma ohrajn.

Is-Sur Alex Bora, Manager tal-lukanda xehed li:

a) Ilu jahdem mal-lukanda hmistax il-sena.

b) Meta tonqos xi chambermaid bis-sick leave, ghalkemm il-lukanda thallas izjed lic-chambermaids l-ohra biex jaghmlū x-xoghol ta' l-ohra nieqsa, dawn ma jiehdux gost.

c) Hemm collective agreement bejn il-lukanda u l-General Workers' Union.

d) Meta gie rrapurtat lilu l-kaz li gara fil-ghodu fid-9 t'April, fil-presenza tas-Sur Debono, ix-Shop Steward, kien investiga l-kaz, fejn irrizulta li ta warning lil Mary Genovese u Mary Micallef u wara li kkonsulta mad-Direttur, is-Sur Henry Micallef, u l-Labour Office, peress li Mary ~~Genovese~~ Debono kellha zewg previous written warnings, hu u x-Shop Steward iffirmaw in-notice of termination of employment ta' Mary Debono fuq "disciplinary action grounds" skond klawsola 21 (2) tal-collective agreement mal-General Workers' Union.

/11. .....

e) Granet wara kien mar is-Sur Frans Coleiro tal-General Workers' Union biex jinvestiga l-kaz hu stess, u li dan m'ghamel l-ebda kumment.

f) Iz-zewg warnings li kienu moghtija lil Mary Debono, kienu hargu wara nvestigazzjoni minnu u mix-shop steward, u ffirmati wkoll kemm mix-shop steward F. Cassar li kien qabel Joe Debono u kemm fit-tieni kaz mis-Sur Joe Debono.

g) Kien ammonija verbalment kemm il-darba lil Mary Debono fuq certi nuqqas taghha, u biex ma tgħid fuq hadd u taghmel xogholha sewwa u ma toqghodx taqbad argumenti mas-supervisor taghha fuq l-inqas haga.

h) Dak in-nhar li nqala' l-kaz tad-9 t'April, kien hemm hafna ilmenti mir-residenti tal-lukanda u li erba' minnhom telqu mill-lukanda minhabba li storbju li nqala' dak in-nhar.

<u>Is-Sur Henry Micallef, direttur tal-Hotel Metropole xehed li</u>:

a) Hu kien gie nfurmat fuq l-incident li nqala' fid-9 t' April.

b) Hu personalment rega' nvestiga l-kaz u fil-presenza tal-Manager u x-shop steward, sema' lil dawk kollha li kienu nvoluti.

c) Lil Mary Debono biss, sab in-necessita' li kien hemm bzonn, qabel dan il-kaz, li jkellimha fuq l-imgieba taghha, ghaliex il-kapijiet ta' fuqha kollha kienu jilmentaw minnha u qalilha biex iggib ruhha tajjeb.

d) Erba' residenti telqu l-barra minhabba dan l-incident.

e) Ma jistax jippermetti ncidenti bhal dawn ghax jaghmlu hafna hsara lill-isem tal-lukanda.

f) wara li ra z-zewg warnings ufficcjali li kellha qabel iddecieda li tigi mkeccija u li wara gew tal-Union biex huma stess jinvestigaw il-kaz u wara dan, sa fejn jaf hu, l-incident kien maghluq. Lit-tfajliet l-ohra involuti peress li kien l-ewwel darba gew moghtija warning bil-miktub.

6. <u>Sottomissjonijiet finali fil-qosor</u>

Is-Sur Frans Coleiro f'isem Mary Debono issottometta li:

a) It-tkeccija ta' mpjegata ghandha titqies bhala haga l-izjed gravi u li l-ewwel ghandu jigi kkunsidrat il-kaz partikulari, imbaghad jekk jinstab li jkun hemm tort, ghandu jigi kkunsidrat il-gravita' tal-kaz, u jekk ghandhiex tigi tkeccija jew tiehu kastig iehor.

b) Il-kaz ta' Mary Debono kien fuq argument fuq materja privata u mhux fuq ix-xoghol, ghalkemm wiehed ma jistax jittollera storbju f'lukanda li bih jiddisturba r-residenti.

c) Jekk kellu wiehed jiehu passi kull meta jkun hemm argument bejn l-impjegati, ikun hemm tkeccijiet kuljum.

d) Rigward il-klien offensiv li ntqal mix-xhieda li Mary Debono qalet, wiehed irid jara l-provokazzjoni li kien hemm.

e) It-tkeccija ta' Mary Debono kienet decizjoni harxa u ghandha tigi kkunsidrata li baqghet fl-impieg minghajr telf ta' paga.

Is-Sur Alex Borg, f'isem il-Hotel Metropole issottometta li :

a) Hija haga cara li l-management ta' hotel ghandu jinsisti fuq certi "standards" u mgieba ta' l-impjegati biex ir-residenti tal-lukanda jkunu kuntenti u sodisfatti.

b) Fil-Collective Agreement bejn il-lukanda u l-General Workers' Union hemm specifikat fil-paragrafu 21 (c) li certi nuqqasijiet huma kawza gusta ghal sospensjoni sakemm isir stharrig li jista' jwassal ghat-tkeccija. Fost dawn in-nuqqasijiet hemm insemmija mgieba oxxena, insultar ta' superjuri u mpjegati ohra, theddid ta' vjolenza u disubbidjenza.

c) Fil-kaz ta' Mary Debono, iz-zewg warnings li nghatat qabel kienu fuq nuqqasijiet li ghalihom setghet giet imkeccija.

d) Li statement jispjega l-kaz skond ix-xhieda li giet insemmija, u li l-Management zamm lit-tliet chambermaids involuti responsabbli u ha passi dixxiplinarji kontra taghhom.

e) Jidher car mix-xhieda, li ma kienet bl-ebda mod ikkontestata li Mary Debono kienet impjegata li l-imgieba taghha ma kienetx tajba u li kienet pezza kwistjoni, li ma toqghodx ghar-regoli u ordnijiet u li hafna drabi naqset bl-ghemil taghha.

f) Barra mutetti u klien mhux xieraq, kienet tilletika u tuza diskors aggressiv u ta' theddid.

g) Ghalkemm giet inwissija verbalment minn diversi superjuri taghha biex tirranga l-ghemil taghha kellha tigi wkoll moghtija zewg warnings bil-miktub

fuq imgieba oxxena, insultar ta' oggetti ohra u li ghalihom ix-shop stewards ma sabux ghal xiex jappellaw, skond il-jedd li kellhom fil-Collective Agreement.

h) Wara li l-kaz regga' gie mismugh mis-Sur Henry Micallef, fil-presenza tas-Sur Alex Borg u x-Shop Steward gie deciz li din tigi mkeccija.

i) La Shop Steward u l-anqas is-Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers' Union, ma appellaw kontra din id-decizjoni u li l-Labour Office ma prruv ax jaghmlu xi konciljazzjoni bejn Mary Debono u l-lukanda.

j) Kull ma ngab minn naha ta' l-appellant kien li shabha kellhom ghaliha u bl-ebda mod l-appellant ikkontestat ix-xhieda dwar l-imgieba taghha, id-diversi incidenti li semmghu dwarha u t-twissijiet u ammonimenti verbali li sarulha.

k) Ghalhekk it-Tribunal hu mitlub li jiehu in konsiderazzjoni:

i) Li l-Management kien ilu jiehu pacenzja b'Mary Debono;

ii) Li Mary Debono giet imwissija u ammonita hafna drabi mis-superjuri taghha inkluz ix-shop steward;

iii) Li Mary Debono kellha zewg warnings bil-miktub qabel l-incident tad-9 t'April 1981;

iv) Li l-incident tad-9 t'April gie nvestigat u ttrattat skond il-proceduri tal-Collective Agreement mill-management;

v) Li Mary Debono tkecciet ghal raguni gusta u sufficjenti u skond il-ftehim mal-Union li hemm fil-Collective Agreement fuq incident mill-izjed gravi li ghamel dannu finanzjarju lil Metropole Hotel u dannu lill-isem tal-lukanda;

vi) Li qatt qabel fl-ahhar 15-il sena ma tkecca xi hadd mill-Metropole Hotel ghal ragunijiet dixxiplinarji.

7. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal ikkunsidra l-fatti fuq ix-xhieda moghtija:

a) L-atteggjament ta' Mary Debono, waqt ix-xhieda taghha ghall-mistoqsijiet maghmula ripetutament kemm mir-rapprezentant taghha is-Sur Coleiro u waqt il-kontro-ezami mis-Sur Amato Gauci, dwar l-agir taghha waqt l-incident tad-9 t'April, kien dejjem ta' risposti evasivi anki ghall-mistoqsijiet l-izjed cari, tant li t-Tribunal kellu jwaqqaf il-mistoqsijiet specifici fuq l-ghemil taghha waqt l-incident, ghax irrizulta inutili li wiehed jistenna xi risposta cara minn ghandha. Dak li gara kellu jigi mix-xhieda ta' l-ohrajn kollha prezenti, xhieda li ma gietx ikkontestata bl-ebda mod.

b) Mix-xhieda irrizulta wkoll li l-management kemm il-darba kien jimxi ma Mary Debono bhala missier ta' familja u jammonihabil-kelma t-tajba, biex din tahdem minghajr ma tohloq inkwiet.

c) It-Tribunal ikkonsidra wkoll il-paragrafu nru. 21 tal-Collective Agreement bejn il-lukanda u l-General Workers' Union li jikkoncerna l-procedura ta' meta jkun hemm rapport dwar xoghol jew ghemil mhux sodisfacenti u hu sodisfatt li din il-procedura giet esegwita kemm fiz-

/16. .....

zewg warnings bil-miktub li kellha Mary Debono u wkoll fl-incident tad-9 t'April, li kellha gew qabel investigati fil-presenza tax-shop stewards, u li dawn ta' l-ahhar iffirmaw mal-management.

d) It-Tribunal ikkunsidra bir-reqqa, fuq ix-xhieda, il-kaz ta' 9 t'April u isib li Mary Debono hija hatja ta' glied fuq il-post tax-xoghol, klien oxxen u baxx u nsulti lill-haddiema l-ohra, u storbju fil-lukanda, li kif l-appellant stess tghid fis-sottomissjonijiet finali taghha ma jistax jigi tollerat.

e) Li minhabba dan ikkagunat hsara finanzjarja lill-lukanda ghaliex erba mir-residenti telqu l-barra, u wkoll hsara fir-reputazzjoni tal-lukanda, ippruvat minn numri ta' complaints li kien hemm mir-residenti.

f) Li ghemil kontinwu bhal ta' Mary Debono, li johloq atmosfera ta' skuntentizza, jista' jippregudika x-xoghol ta' l-impjegati l-ohra.

g) Li f'kaz bhal dan, aggravat minn zewg warnings bil-miktub, u nuqqas kontinwu ta' ko-operazzjoni kemm mal-management u mal-impjegati shaba, id-decizjoni ta' tkeccija kienet l-unika soluzzjoni.

8. AWARD

Fuq konsiderazzjoni ta' dan kollu t-Tribunal isib li t-tkeccija mix-xoghol ta' Mary Debono mill-Hotel Metropole kienet gusta u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

V. BORG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

1 t'Ottubru 1981

em